

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2019 — Highgate Capital Management vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-280/19 R)****(“Miżuri provviżorji — Għajnuna mill-Istat — Talba għal miżuri provviżorji — Assenza ta' neċessità li jiġu adottati l-miżuri provviżorji mitluba — Nuqqas ta' ġurisdizzjoni — Inammissibbiltà”)**

(2019/C 328/66)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet*Rikorrenti:* Highgate Capital Management LLP (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. Struys u I. Van Damme, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Blanck, A. Bouchagiar u K.- P. Wojcik, aġenti)**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrigwarda ċaħda ta' lment dwar għajnuna mill-Istat allegatament illegali mogħtija lil Eurobank Ergasias SA mill-bejgħ ta' Piraeus Bank Bulgaria (SA.53105) u, min-naħa l-oħra, għall-għoti ta' miżuri provviżorji oħra.

Dispożittiv

- 1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*
- 2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2019 — CE vs Kumitat tar-Regġuni**(Kawża T-355/19 R)****(“Miżuri provviżorji — Servizz pubbliku — Talba għal miżuri provviżorji — Nuqqas ta' urgjenza”)**

(2019/C 328/67)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet*Rikorrenti:* CE (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)*Konvenut:* Kumitat tar-Regġuni (rappreżentanti: J.C. Cañoto Argüelles, M. Esparrago Arzadun u S. Bachotet, aġenti)**Suġġett**

Talba abbażi tal-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, prinċipalment, tad-Deċiżjoni tal-Kumitat tar-Regġuni tas-17 ta' April 2019 li xxolji l-kuntratt tar-rikorrenti u, sussidjarjament, tal-ittra tal-Kumitat tar-Regġuni tas-16 ta' Mejju 2019 dwar il-kundizzjonijiet dwar il-perijodu ta' notifika u, min-naħa l-oħra, għall-adozzjoni tal-miżuri provviżorji dwar il-kundizzjonijiet tal-perijodu ta' notifika.

Dispożittiv

- 1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*
- 2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Lulju 2019 — Camerin vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-367/19 R)****(“Miżuri provviżorji — Servizz Pubbliku — Talba għal miżuri Temporanji — Nuqqas ta’ urġenza”)**

(2019/C 328/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet*Rikorrenti:* Laure Camerin (Bastia, Franza) (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid, T. S. Bohr u D. Milanowska, aġenti)**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali tas-17 ta' April 2019, rigward l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru fuq il-pensjoni tar-rikorrenti, u min-naħa l-oħra, l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji li jiżgħaw li l-ammonti li jistgħu jinqabdu ma jeċċedux is-soma mensili korripodenti għall-salarju bażiku ta' uffiċjal fl-ewwel skala tal-grad AST 1.

Dispożittiv

- 1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*
- 2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2019 — Landesbank Baden-Württemberg vs SRB**(Kawża T-480/19)**

(2019/C 328/69)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet*Rikorrenti:* Landesbank Baden-Württemberg (Stuttgart, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Berger u K. Rübsamen, avukati)